MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 2

17 ta' Lulju 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.31pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal onlajn jew ġie fuq il-post fil-ħin. Is-Sur Cordina qal li magħhom ingħaqad il-Perit Neil Markham.

## 2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

2.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellha l-ebda ittra t'apoloġija.

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 1 ġew approvati.

## 2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.3.1 *PC00002/24*

Is-Sur Cordina qal li l-Perit kien ħa jispjega l-bażi tal-oġġezzjoni fuq din l-applikazzjoni. Il-Perit qal li l-Kunsill għandu jieħu żewġ punti in kunsiderazzjoni li huma: li hemm spażju maħsub għal rikreazzjoni li jista' jinbidel fi skola (infatti jeżisti permess antik li qatt ma mmaterjalizża fejn kellhom jinbnew grawnd tal-futbol, baskitbol u tennis) u t-tieni punt x'impatt ħa jħalli jekk ikollu jiġri dan kollu fuq ir-residenti.

Il-Perit qal li hemm applikant li qed jgħid li l-art hi tiegħu u qed jipproponi li l-art in kwistjoni ssir skola fuqha. Hu qal li dan imur kontra l-*Local Plans* li hemm bħalissa u tali skola jekk tinbena tista' tikkawża konġestjoni fl-area permezz ta' żieda ta' vetturi f'żona altament residenzjali.

Is-Sur Cordina qal li l-Perit kwota l-liġi għax din l-applikazzjoni qed titlob ukoll li tinbidel il-liġi għax kif inhuma l-*policies* bħalissa ma tistax issir. L-Avukat Caruana talbet spjega fuq l-aħħar biċċa. Il-Perit qal li f'din l-*area* se ssir skola u peress li l-art hi privata, ż-żona ħa tinbidel f'waħda kummerċjali, kontra dik li hi bħalissa i.e. residenzjali. L-Avukat Caruana saqsiet jekk mill-esperjenza tiegħu bħalha Perit dan jistax isir? Il-Perit irrisponda li dan hu l-iskop tal-applikazzjoni fejn il-kabinet japprova li jinbidel l-użu tal-art. L-Avukat Caruana irrimarkat li jekk din ma tiġix aċċettata xorta hemm ir-riskju li jkun hemm xi ħadd ieħor li japplika biex isiru appartamenti. Il-Perit irrisponda li dan hu possibbli, imma għallinqas ikun jaqbel maż-żona preżenti li hemm dik residenzjali. L-Avukat Caruana qalet li xorta jridu japplikaw.

Dr. Cassar qal li area li hija *designated for public use* isir *expropriation* u s-sid jiġi kumpensat. Hu qal li dak hu propju l-ippjanar li hemm fil-*Local Plans* u wieħed irid jimxi magħhom. Qal ukoll li jekk ikun hemm dawn it-tip ta' tibdil suppost is-sid irid jipprovdi art tal-istess daqs biex ipatti għall-bdil fl-użu.

Is-Sur Mangion qal li l-fatt li se jiżdiedu ħafna karozzi se joħloq nuqqas ta' parkeġġ. Il-Perit qal li dik tiġi wara mal-applikazzjoni tal-iskola fejn tiddaħħal fl-istess applikazzjoni il-volum tal-iskola u kif ħa jiġi kumpesat in-nuqqas ta' parkeġġ. Dr. Musumeci qal li mbagħad jekk jagħmlu sular mod u jekk jagħmlu seba' sulari mod ieħor.

Il-Perit saqsa jekk l-art kinitx tal-Kunsill jew le? Is-Sur Cordina qal li tal-Kunsill mhix żgur.

Il-Perit ħalla l-laqgħa filwaqt li l-Kunsill qabel unanimament li ssir oġġezzjoni.

Dr. Musumeci saqsa fuq il-proċedura minħabba li ġie kkuntatjat minn xi nies u ex-studenta tiegħu saqsietu fuq l-oġġezzjoni. Is-Sur Cordina qal li iktar minn petizzjoni li hi bla ħoss f'dann il-każ, tista' ssir oġġezzjoni onlajn individwali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xi residenti fil-viċinanzi wkoll irċevew korrispondenza biex jidħlu onlajn u joggezzjonaw individwalment fuq is-sit u jikkwotaw in-numru tal-PC.

### 2.3.2 *Noise Pollution*

Is-Sur Cordina qal li kellu laqgħa mas-Sindki Rabat, Siġġiewi, Dingli, Mosta, Mdina, Zebbuġ u Ħal Lija rigward *venues* li jikkawżaw ċertu storbju. Hu qal li ftehmu li ħa jikkonsultaw mal-Avukat Claire Bonello biex tiġi formulata xi ħaġa b'bażi legali u ssir konferenza stampa. Qal ukoll li stabbiliment minnhom diġà investa f'apparat li jkejjel id-db's u kull nofsiegħa jittieħed il-qari tas-sawnd ġenerat. S'issa fil-liġi m'hemm xejn li jkopri l-livell tal-istorbju. Is-Sur Cordina qal li l-ħsieb wara dan kollu hu BISS jiġi moderat l-istorbju mill-istabbilimenti ta' divertiment. Għamilha ċara li ħadd mhu sa jinqeda bih biex issir ħsara lill-festi u l-Kunsill jiżżeffen fin-nofs permezz ta' dak li jkun qed isir. Jekk dan iseħħ jirtira kollox mill-ewwel.

Hu kompla jgħid li ċertu stabbilimenti kienu jibqgħu miftuha sas-6 ta' filgħodu. Issa l-permess ġie sal-4. Hemm oħrajn sas-1 ta' filgħodu, dejjem skont il-permess. L-Avukat Caruana qalet li snin ilu kien hemm diġà abbożż ta' xi ħaġa imma minħabba diskriminazzjoni u l-kontroversja tal-festi twaqqaf kollox.

Dr. Musumeci qal li għandu jkun hemm *framework* li wieħed jimxi fuqu.

### 2.3.3 Uffiċċini tal-Kunsill

Is-Sur Cordina qal x-xaft issa lest u kull ma jonqos huma l-erba' filati tal-bejt, l-AC's ġew installati u l-affrijiet oħra jinsabu ordnati. Is-Sur Cordina qal li kellem lis-Sid tal-post preżenti u din estendiet sa Ottubru. Hu qal li l-ħlas, li sar bil-quddiem jinsab fiċ-ċedola ta' dax-xahar imma mhux ċert li sa jaslu s'Ottubru minħabba li Awwissu ħafna minnu *shutdown* u moħħli.

## 2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

2.4.1 Dr. Ralph Cassar

- Saqsa jekk hemmx xi pjan li jsiru xogħolijiet fuq Ġnien il-Palma. Is-Sur Cordina qal li iva ħa tinqala' l-art u jsiru xi xogħolijiet b'materjal sostenibbli, siġar mhux sa jintmessu, se jkun hemm żoni fejn jista' jsir xi qari, trakka għar-roti imma latrini mhux sa jintmessu lanqas, kif ukoll xi apparat tat-tfal.
- Triq Xatbet l-Art – qal li fil-leġislatura passata kien sar xi tħawwil ta' siġar f'parti pubblika, biswiet parti privata imma li qed isir ħafna rimi illegali. Is-Sur Cordina qal li tali tindif jista' jsir extra minħabba li din il-parti mhix nkluża fl-ebda tender u titnaddaf.
- Xtaq ikun jaf kemm huma fondi l-konok fi Triq Victor Vassallo u ssuġġerixxa li jinxtraw siġar skont il-fond u l-wiesgħa tal-konka. Qal li lest jagħti parir biex dawn jinxtraw.

2.4.2 Avukat Helen Caruana

- Saqsiet fuq il-camera tal-LESA fi Triq il-Pitkali jekk inbidlitilhiex id-direzzjoni minħabba li bosta persuni qed jaqilgħu ħafna ċitazzjonijiet. Is-Sur Cordina qal li din li qed isemmu partikulari hi *rotating camera* u jkun hemm persuna warajja jimmonitorja. Is-Sur Cassar issuġġerixxa li jiġu midura ftit. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill għandu żewġ min-nies u dan jista' jsir bil-mod minnhom.
- Saqsiet fuq il-parkeġġ ta' Triq Tumas Chetcuti biswit is-*Central Link.* Is-Sur Cordina qal li s-*cycle lane* kienet twessat ħarira iktar milli suppost quddiem ir-rampa tas-*Central Link* imma skont kif jiftakar sew, kienet saret laqgħa fuq il-post ma' Infrastructure Malta li għaliha kien preżenti s-Sur Bonnici imma ma jidhirlux li kien hemm xi żvolta jew ġie maqbul xi tibdil. Ħa jerġa' jagħmel kuntatt magħhom.

2.4.3 Sur Remigio Bartolo

- Issuġġerixxa li jibda servizz darba kull ħmistax minnu f'Ottubru fuq Sigurta' Soċjali fejn anzjani jkunu jistgħu jistaqsu fuq diffikultajiet u jingħataw suġġerimenti. Hu qal li jrid isir reklamar tajjeb.
- Tkellem fuq it-telefon box fi Triq il-Kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħsieb tagħha fuqha kien li ssir bil-kotba. Ġew issuġġeriti bosta siti imma finalment fejn tinsab bħalissa jidher li hu idejali, kemm isirulha xi xogħolijiet u timtela' bil-kotba.
- Hu qal li l-istatwa ta' Santa Marija se tagħlaq 150 sena u ssuġġerixxa li jsir xi ħaġa. Kulħadd qabel li għandu jiġi ordnat bukkett kbir. Dr.Musumeci ssuġġerixxa li ssir xi tip ta' serata imma ż-żmien kien qasir wisq minn dakinhar sat-28 ta' Lulju.

2.4.4 Dr. Martin Musumeci

- Saqsa fuq dik il-biċċa ġardina u l-parkeġġ ta' ħdejn l-iScotts. It-tnejn huma tal-privat. Il-Kunsill tul is-snin għamel xogħolijiet minħabba li l-art kienet għandha għand il-*Public Works* imma dan l-aħħar inxtrat u hi appuntu l-*area* fejn kien se jinbena l-iScotts qabel ma saret oġġezjoni fuqha.

## 2.5 Rapporti

2.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 2.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

2.6.1 *European Waste Reduction Week* (Novembru 2024)

Dr. Cassar qal li hu nfurmat li fis-snin li għaddew il-Kunsill ħa sehem u anka ntrebħu xi premjijiet. Hu qal li din is-sena l-EWRW se tinżamm bejn is-16 u l-24 ta' Novembru. It-tema ta' din is-sena hi s-*single use plastic.* L-ideja tiegħu hi li ssir fiera fejn jiġu mistiedna xi kumpaniji li joffru xi prodotti *re-usable* li jnaqqsu s-*single use plastic*, *filters* tal-ilma li primarjament ikunu *sponsors* u *zero* baġit min-naħa tal-Kunsill ħlief għat-tindif u staff. It-tema l-ieħor hu l-iskart tal-ikel u għalhekk issuġġerixxa li jikkolaboraw ma' Friends of the Earth sabiex joffru xi kontenituri tal-ikel. Is-Sur Cordina qal li jista' jmexxi u jekk hemmx xi ħadd li jista' jgħin lil Dr. Cassar. Is-Sur Bartolo u Dr. Musumeci offrew li jgħinu.

2.6.2 Skema tas-Saħħa

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni biex titħallas l-iskema tas-saħħa peress li għal dawk il-fuq minn 66 sena imma inqas minn 70 sena tiswa €340. Kulħadd qabel.

2.6.3 Approvazzjoni Uffiċċjal Skala 11

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waħda mill-iktar affarijiet li hi dejjem taħdem u tibni fuqha hi kif jaħdmu l-ħaddiema u kif hi taħdem magħhom. Qalet li tul is-snin bniet relazzjoni ma' kull wieħed mill-istaff u kienet saret prerogattiva tagħha li kull min ikun ilu tliet snin fil-kariga jkun jista' jimxi fil-grad li jmiss. Fil-fatt semmiet kemm hi batiet meta damet 8 snin skala 15.

Għalhekk peress li hemm persuna li ilha ġa tliet snin fil-kariga hi ssuġġeriet li din tipprosegwi għal grad li jmiss dak ta' Skala 11. L-applikazzjoni biex timtela' l-vakanza ta' Skala 11 bħalha *progression* ġiet mimlija mis-Sinjura Diandra Borg Fenech. L-Avukat Caruana qalet li dan il-pass hu pożittiv għax iżomm il-ħaddiema kuntenti u ma joqgħodux jinbidlu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din hija motivazzjoni biex min jidħol ma jitlaqx. Din id-deċizjoni ġiet approvata li tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2024.

## 2.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

2.7.1 L-Avukat Caruana u s-Sinjorina Portelli daru l-iskeda dak il-ħin.

Proponent: Paul Ciantar Sekondant: Dr. Martin Musumeci

L-iskeda ġiet approvata.

## 2.8 Mozzjonijiet; u

2.8.1 *Applikazzjoni għal-Planning Control PC00002/24*

Dr. Cassar qara l-Mozzjoni għalkemm din ġiet sorpassata u diġà ġie deċiż li ħa ssir oġġezzjoni:

MOZZJONI għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard.

Proponent: Ralph Cassar, Kunsillier

Dan il-Kunsill joġġezzjona għall-applikazzjoni PC00002/24 quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar. L-art bejn Triq irRuzzell u Triq Xatbet l-Art minbarra li hija riservata għal faċilitajiet sportivi għall-komunità fil-pjan lokali (Central Malta Local Plan, 2006), hija ukoll l-uniku art li tista' tintuża għal faċilitajiet edukattivi, rikreazzjonali, u kulturali mill-iskola primarja pubblika.

Fl-interess tal-komunità ta' Ħ'Attard u tal-istudenti tal-iskola primarja, li għandha bżonn aktar spazju biex toffri esperjenza edukattiva aħjar, dan il-Kunsill Lokali jitlob lill-Gvern biex:

- kif kien repetutament imwiegħed tul is-snin, jakkwista l-art u jiżviluppa faċilitajiet sportivi, żoni ta' rikreazzjoni fil-miftuħ, u l-faċilitajiet edukattivi li għandha bżonn l-iskola u l-komunità ta' Ħ'Attard.

Is-Sur Cordina qal li bażikament dak li qed jitlob Dr.Cassar hu li dak li diġà hemm fil-*Local Plans* jerġa' jiġi mitlub. Kulħadd qabel mal-proposta ta' Dr. Cassar.

## 2.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

2.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.32pm u ġiet aġġornata għad-19 ta' Awwissu 2024 fil-5.30pm

Konfermati illum, 19 ta' Awwissu 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |